MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 359/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anzjan Anthony Cassar**

**vs**

**George Mifsud Bonnici**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat George Mifsud Bonnici ta’ 27 sena, iben Benjamino u Catherine nee’ Desira, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-5 ta’ Gunju, 1978 u residenti fl-indirizz ‘Dar il-Gnien’, Triq ta’ Rumi, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita’ numru 275178(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ Ta’ Rumi, limiti ta’ Marsaskala, nhar il-Gimgha 14 t’April, 2006, f’diversi hinijiet matul il-gurnata:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ huh Stephen Mifsud Bonnici minn Marsaskala f’periklu car, hebb ghalih b’diversi oggetti iebsa u kkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, skond ma ccertifika Dr. Malcolm Borg MD., mit-Taqsima tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa;

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ missieru Benjamino sive Benny Mifsud Bonnici f’periklu car, hebb ghalih u gidmu fil-pala ta’ jdejh fejn ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, skond ma ccertifika Dr. A Busuttil MD., mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta saq b’sahha kbira bir-reverse bil-vettura tieghu ghal fuq il-karozza ta’ l-ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni EAP-345 u ghamlilha hsara li ma tiskorrix il-hames mitt lira izda li teccedi l-hamsin lira ghad-dannu ta’ l-istess huh Stephen Mifsud Bonnici, kif ukoll ghamel hsarat ohra fir-residenza t’ommu u ta’ missieru fejn ghamlilhom hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira izda teccedi l-ghaxar liri;

Hedded lil huh Stephen bil-mewt u aktar heddu li jahraqlu l-vettura tieghu;

Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied jew b’mod iehor;

M’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ persuni li kienu nkarigati minn servizz pubbliku;

Saq il-vettura tieghu tal-ghamla Ford Fiesta ta’ lewn blu, bin-numru tar-registrazzjoni AAP-042 b’manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

Saq l-istess vettura b’giri aktar milli jmissu;

Qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti;

Qal kliem jew espressjonijiet ta’ dagha;

Fl-istess lok, nhar il-10 ta' Settembru, 2005 ghall-habta ta' xi s-sitta u nofs ta' fil-ghaxija:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' huh Stephen Mifsud Bonnici f'periklu car, hebb ghalih u kkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema offizi gabulu sfregju gravi u permanenti f'wiccu, skond ma ccertifika Dr. David Hill MD., mit-Taqsima tal-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa;

Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi huh Stephen Mifsud Bonnici kontra l-volonta' tieghu fil-waqt li heddu bil-mewt meta ippontalu s-senter fid-direzzjoni tieghu;

Fil-hin li ghamel l-imsemmi delitt kellu fil-pussess tieghu l-arma tan-nar imsemmija;

Il-Qorti kienet miltuba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Stephen u Benny Mifsud Bonnici, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess George Mifsud Bonnici b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti kienet ukoll umilment mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-piena li jidrilha xierqa fic-cirkustanzi, tapplika l-iskwalifika ta' l-istess George Mifsud Bonnici minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinsab hati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Dicembru 2007 (esebita a fol. 181 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 214, 216, 325, 338(dd), 338(ee), 339(1)(e), 338(bb), 342, 86, 87, 533 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap.65 ;
(c) fl-artikolu 26(a) tal-Kap. 66 ;

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta’ Frar 2010, l-imputat George Mifsud Bonnici ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg incidenti separati ta’ glied li nqalghu bejn zewg ahwa u missierhom fejn qed jigi allegat li l-imputat ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ huh Stephen Mifsud Bonnici kif ukoll fuq il-persuna ta’ missieru Benjamin Mifsud Bonnici kif ukoll talli kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAP 345 propjeta’ ta’ Stephen Mifsud Bonnici meta huwa irreversja fuq din il-vettura u talli kkaguna hsara fid-dar tal-genituri tieghu. Iz-zewg incidenti mertu ta’ din il-kawza allegatament sehhew fl-10 ta’ Settembru 2005 u fl-14 ta’ April 2006 rispettivament. Mil-provi rrizulta li fiz-zmien in dizamina z-zewg ahwa kienu ta’ spiss ikollhom argumenti bejniethom u rrizulta wkoll li fl-incident tal-14 t’April 2006 l-imputat George Mifsud Bonnici kellu jirrikorri ghal kura medika fil-policlinic ta’ Rahal il-Gdid fejn gie segwit minn huh Stephen Mifsud Bonnici li ma thalliex jidhol mis-security personnel addetti mal-policlinic u fejn l-incident gie kkalmat bl-intervent tal-Pulizija li spiccat sabiex arrestat u resqet kemm liz-zewg ahwa kif ukoll lil missierhom Benjamin Mifsud Bonnici u akkuzathom li kkawzaw griehi llil xulxin fl-incident tal-14 ta’ April 2006.

Rigward l-incident tal-10 ta’ Settembru 2005 fejn l-imputat jinsab akkuzat li hebb ghal huh Stephen Mifsud Bonnici u kkagunalu griehi ta’ natura gravi per durata, li huwa arresta lil huh illegalment u li huwa kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar waqt li kien qed jikkommetti delitt, il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja dawn l-akkuzi. L-allegat vittma Stephen Mifsud Bonnici ghazel, li ma jixhidx f’dawn il-proceduri stante l-possibiita’

li jinkrimina ruhu (ara verbal tal-udjenza tat-13 ta' April 2007) u fi kwalunkwe kaz sussegwentement huwa deher fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2010 fejn ikkonferma li kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fl-konfronti tal-imputat stante li huma rrisolvew il-pendenzi kollha ta' bejniethom. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-akkuzi kollha riferibbli ghalll-incident tal-10 ta' Settembru 2005 stante li dawn ma jirrizultawx pruvati,

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-incident tal-14 ta' April 2006 fejn l-imputat jinsab akkuzat fost affarijiet ohra li kkaguna griehi ta' natura gravi kemm fuq il-persuna ta' huh Stephen Mifsud Bonnici kif ukoll fuq il-persuna ta' missieru Benjamin Mifsud Bonnici kif ukoll talli kkaguna hsara volontarja fuq il-propjeta' taghhom, u tallli saq il-vettura tieghu b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont, b'giri aktar milli jmissu, kif ukoll talli kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied, qal dagha u kliem oxxenn fil-pubbliku u talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn persuni nkarigati minn servizz pubbliku. La Stephen Mifsud Bonnici u l-anqas Benjamin Mifsud Bonnici ma xehdu f'dawn il-proceduri stante li kif intqal fil-paragrafu precedenti huma ghazlu li ma jixhdux minhabba l-possibiilita lli jinkriminaw ruhhom. Fl-istadju tal-provi tad-Difiza huma inoltre dehru quddiem din il-Qorti u kkonfermaw bil-gurament li huma kienu qed jahfru lill-imputat ghal dak li kien gara u li ma kienx ghad fadal ebda pendenza bejniethom. L-unika zewg xhieda okulari tal-allegat incident tal-14 ta' April 2006 kienu Mandy Gialanze li xehdet fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2007 fejn din qalet biss li kienet rat lill-imputat jitfa' torch lejn Stephen Mifsud Bonnici u jolqtu f'geddumu izda qalet ukoll li ma tafx jekk Stephen weggghax u spjegat li wara kienet rat qasma zghira f'geddumu. Hija qalet li kienet rat xi hgieg imkisser izda ma tafx min kisru. Ix-xhud l-ohra Marisa Farrugia li xehdet fl-udjenza tat-13 ta April 2007 qalet li hija kienet barra d-dar tal-genituri tal-imputat qed tistennih fil-karozza meta semghat xi ghajjat u rat lill-imputat, lil huh Stephen u lil genituri taghhom hergin minn god-dar jiggieldu izda qalet li ma tafx min kien beda' l-glieda. Hija qalet ukoll li l-imputat kien l-unika wiehed li

kellu d-demm ma wiccu u li huwa rikeb fil-karozza u marru l-policlinic ta’ Rahal il-Gdid. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata (inserita a fol. 19 sa 24 tal-process) innega li huwa kien attakka lil huh u lil missieru u qal li meta huwa mar id-dar kienu huma li attakkawh b’zewg kanen tal-hadid fejn beda’ hiereg hafna demm mill-griehi li kkagunawlu u huwa kull ma ghamel kien li ddefenda lilu nnifsu u hareg barra jigri sabiex jahrab minnhom u meta rriversja l-vettura tieghu kemm bil-paniku kif ukoll minhabba li kien imwegga spicca sabiex laqat il-vettura ta’ huh. Il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova rigward l-entita’ jew il-valur tal-hsarat allegatament ikkagunati lil Stephen Mifsud Bonnici u lil Benjamin Mifsud Bonnici u l-anqas ma resqet bhala xhieda lit-tobba li rrilaxjaw il-varji certifikati medici li gew esebiti f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ebda wahda mill-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfonti tal-imputat ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu,.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------